A.L. 128 tal-2011

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-2011 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2011 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artiklu b'seħħ mit-3 ta' Marzu, 2011.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art, li tinsab fil-Qasam tad-Djar f'Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Baħar, li tikkonsisti fi Plots 10-14, ta' madwar 1,308.10 metru kwadru. Din l-art tmiss mill-Grigal ma' proprjetà privata, mix-Xlokk ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar u mil-Lbiċ ma' Triq il-Magħsar, u li tinsab fuq Proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President 1232 datata 15 ta' Diċembru 2010 u fuq parti minn Tenement Nru. 51083. L-art tinsab reġistrata bħala Tenement Nru. E26263 u delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2009_141_1 (HAM 850/88).

(2) Biċċa art, magħrufa bħala Plot 25, li issa għandha n-numru 6, fi Triq il-Gladjoli, li tifforma parti mill-Qasam tal-Bini tal-Gvern ta' San Ġwann, Neighbourhood II, f'San Ġwann, ta' madwar 133.40 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà konċessa b'enfitewsi perpetwu, minn Nofs-in-Nhar ma' proprjetà privata, u mill-Punent ma' Triq il-Gladjoli. L-art hi soġġetta għal enfitewsi perpetwu b'Kuntratt Nru. 89/90 datat 4 ta' April, 1990 fl-atti tan- Nutar F. Pellegrini. L-art tinsab fuq parti minn proprjetà tal-Gvern li kienet qabel reġistrata bħala Tenement Nru. 51328 u tinsab reġistrata fl-atti tad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement Nru. 41754 u delineata bl-aħmar u markata "P. 25" fuq il-pjanta L.D. 128/80/24. (HAP 10/2010).

(3) Biċċa art, magħrufa bħala Plot 107, fi Triq l-Istefanotis, li tifforma parti mill-Qasam tal-Bini tal-Gvern ta' San Ġwann, Neighbourhood II, f'San Ġwann, ta' madwar 127.34 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral ma' Triq l-Istefanotis, mill-Grigal ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar, u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern. L-art hi soġġetta għal enfitewsi temporanju b'Kuntratt Nru. 143/69 datat 10 ta' Mejju, 1969 fl-atti tan-Nutar A. Grech. L-art tinsab fuq parti minn proprjetà tal-Gvern li kienet qabel reġistrata bħala Tenement Nru. 51328 u tinsab reġistrata fl-atti tad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement Nru. 65554 u delineata bl-aħmar u markata "P. 107" fuq il-pjanta L.D. 128/80/19. (HAP 3/2010).

(4) Biċċa art, magħrufa bħala Plot 93, li issa għandha n-numru 3, fi Triq il-Lantana, li tifforma parti mill-Qasam tal-Bini tal-Gvern ta' San Ġwann, Neighbourhood II, f'San Ġwann, ta' madwar 134.76 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq il-Gladjoli, mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern, u mill-Punent ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar. L-art hi soġġetta għal enfitewsi perpetwu b'Kuntratt Nru. 332/79P datat 16 ta' Awissu, 1979 fl-atti tan-Nutar F. Pellegrini. L-art tinsab fuq parti minn proprjetà tal-Gvern li kienet qabel reġistrata bħala Tenement Nru. 51328 u tinsab reġistrata fl-atti tad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement Nru. 40962 u delineata bl-aħmar u markata "P. 93" fuq il-pjanta L.D. 128/80/26. (HAP 7/2010).

(5) Biċċa art, li tinsab fil-Qasam tad-Djar f'Ta' Farzina, limiti ta' Qormi, li tikkonsisti fi Plots 7-11 u 22-24 u ta' madwar 1,605.40 metru kwadru. Din l-art tmiss mit-Tramuntana ma' Triq is-Sajf, mil-Lvant ma' Triq il-Għasel, u mill-Punent ma' Triq id-Deheb Fin, u tinsab fuq parti minn Proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President 1234 datata 15 ta' Diċembru 2010 u bi proprjetà akkwistata b'Kuntratt Nru. 81/85 datat 8 ta' Marzu 1985 fl-atti tan-Nutar F. Portelli. L-art tinsab reġistrata bħala Tenement Nru. E26264 u delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 9_82_19. (HAM 957/78 Vol II).

(6) Biċċa art, magħrufa bħala Plot 51, fi Triq il-Mitħna ix-Xagħra, Għawdex, ta' madwar 216.20 metru kwadru. Din l-art tmiss mill-Grigal ma' Triq il-Mitħna, mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar. L-art hi soġġetta għal enfitewsi temporanju b'kuntratt datat 6 ta' Lulju, 1973 fl-atti tan-Nutar J. Busuttil. L-art tinsab fuq parti minn proprjetà tal-Gvern li kienet qabel reġistrata bħala Tenement Nru. Z50396 u tinsab reġistrata fl-atti tad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement Nru. Z60209 u delineata bl-aħmar u markata "P. 51" fuq il-pjanta L.D. 357/90/2. (HAP 8/2010).

(7) Biċċa art li tikkonsisti fi Plot 165 u Sit E fi Triq iż-Żnuber, li tifforma parti mill-Qasam tal-Bini tal-Gvern ta' Santa Luċija, Phase III, f'Santa Luċija. Il-Plot 165 imsemmi hu ta' madwar 140.70 metru kwadru u soġġett għal enfitewsi perpetwu b'Kuntratt Nru. 363/75G datat 17 ta' Diċembru 1975 fl-atti tan-Nutar A. Grech. Sit E hu ta' madwar 39.90 metru kwadru u hu soġġett għal enfitewsi perpetwu b'Kuntratt Nru. 129/78G datat 24 ta' Mejju 1978 fl-atti tan-Nutar A. Grech. Kemm il-plot u kemm is-sit imissu mill-Grigal ma' Triq Bice Mizzi Vassallo, mix-Xlokk ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar u mil-Lbiċ ma' Triq iż-Żnuber, u jinsabu reġistrati fl-atti tad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement Nru. 41226, delineati bl-aħmar u markati "P. 165" u "E" respettivament, fuq il-pjanta L.D. 11/82/80. (HAP 11/2010).

(8) Flat, numru 11, Blokk 1, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, l-Isla. (Tenement Nru. 62573 - RTB 1/2007).